MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 250/2008

**Angelo Borg, Rose Borg, Christopher Borg**

**-vs-**

**Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, Kummissarju tal-Artijiet, Awtorita' Dwar it-Trasport, Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi b'kuntratt tal-24 ta' Settembru, 2004, u tad-9 ta' Mejju, 2005 fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Carbonaro, illi kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument AB1, il-mejta Carmela Borg, iddonat lir-rikorrenti r-razzett bil-ġnien tiegħu, kif ukoll il-parti stradali li ġiet esproprjata mill-Gvern u biċċa art ta' 32.14 metri

kwadri li kienu jiffurmaw parti mill-istess razzett u li parti minnha ġiet inkorporata b'mod abbusiv u llegali mal-fond ta' ċertu Noel Xuereb li jġib in-numru 1, Triq Ta' Giorni, kantuniera ma' Triq Claire E. Engel, f'San Ġiljan / San Ġwann.

2. Illi għal kwalsiasi *buon fini* qiegħed jiġi ddikjarat ukoll illi r-rikorrenti huma eredi tal-imsemmija Carmela Borg li mietet fit-30 ta' Gunju, 2006 u l-wirt tagħha ddevolva fuq l-atturi b'testment fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Carbonaro tat-22 ta' Marzu, 2004.

3. Illi r-rikorrenti qabbdu lil Randolph Camilleri Surveys Limited u għamlu *survey* tal-istess art li ġiet esproprjata mill-Gvern, kif ukoll ta' 32.14 metri kwadri approprjati b'mod abbusiv u llegali minn Noel Xuereb, liema *survey* qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. AB2

4. Illi din l-art ġiet meħtieġa għal skopijiet pubbliċi u fl-interess pubbliku tant illi l-art ta' ċirka mitejn u ħamsa u sebgħin metru punt ħmistax metru kwadru li tikkonfina ma' Triq Michael Angelo Cagiano, Triq Claire E. Engel u Triq is-Sebuka, San Gwann, ġiet meħuda mill-intimati għal skopijiet fuq imsemmija, u dan kif jirriżulta minn *survey* magħmul minn Randolph Camilleri Surveys Limited u valutata minn Valerio Schembri Project Workshop Limited, li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument AB3.

5. Illi minn din l-art fuq deskritta, l-art li effettivament ġiet użata għal skopijiet pubbliċi, ilha hekk użata għal dawn l-aħħar għoxrin sena mingħajr ma ttieħdu l-pratiki neċessarji u opportuni skond il-Liġi mill-istess intimati u konsegwentement ir-rikorrenti ma tħallsux ta' dak illi hu dovut lilhom skond il-Liġi fi żmien utili.

6. Illi minkejja illi din l-art ilha hekk tiġi wżata kif fuq ingħad għal żmien twil ħafna, dan kollu sar, mingħajr ma nħarġet id-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika ta' Malta, u minkejja dan, l-intimati qabdu u daħlu fl-art, qed jagħmlu użu minnha, kejlu u ħadu l-livelli ta' dik l-art,

ħaffru u taqbu taħt l-art u għamlu kull ħaġa oħra meħtieġa biex tiġi wżata għal skopijiet pubbliċi tal-intimati, tant illi llum jinsabu mibnija toroq arterjali u sekondarji .

7. Illi l-pussess tal-art in kwistjoni, ġie meħud u wżat mill-intimati mingħajr ma' saret ukoll il-pubblikazzjoni fil-gażżetta tal-Gvern, meħtieġa skond il-Liġi *ai termini* tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Illi lanqas ma nħareġ l-Avviż għal ftehim kif jitlob l-istess Kap. 88 biex l-imgħaxx jinħadem fuq il-valur iffissat f'dak l-Avviż mid-data tat-teħid tal-pussess tal-art mill-Awtorita' kompetenti sat-trasferiment tat-titolu b'xirja assolut lil Gvern ta' Malta u dan a tenur tal-Artikolu 18A tal-Kap. 88, kif ukoll a tenur tal-Artikolu 22 (2) u (3) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Illi ma hemm l-ebda raġuni għalfejn id-dikjarazzjoni Presidenzjali, l-Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u l-Avviż għal ftehim ma jinħariġx rigwardanti l-art in kwistjoni ġja la darba l-art ittieħdet effettivament mill-intimati, titkejjel mill-periti tal-Gvern u tigi valutata mill-istess periti Governattivi.

10. Illi r-raġuni għaliex l-intimati ma jridux li tinħareġ id-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika u l-Avviż fil-Gażżetta tal-Gvern u l-Avviż għal Ftehim hu minħabba l-fatt illi a tenur tal-Artiklu 22, Sub-inċiż 3, fiż-żmien ħmistax-il ġurnata minn tali Avviż għal Ftehim, il-Gvern għandu jiddepożita f'kont bankarju li jirrendi imgħax, ammont ta' flus li jkun daqs l-ammont ta' kumpens offrut fid-dikjarazzjoni tal-President u dik is-somma tkun tista' tinġibed liberament flimkien ma' kull imgħax li jinġemgħa fuqha mill-attur rikorrent, li għandu jedd għal dak il-kumpens malli dan iġib il-prova li għandu jedd għaliha b'mod sodisfaċenti għal Awtorita' kompetenti.

11. Illi ġjaladarba din l-art in kwistjoni għadha ma ġietx legalment esproprjata mill-Gvern ta' Malta, għandhom jittieħdu l-proċeduri kollha stabbiliti mill-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta biex l-intimati jkunu jistgħu joħorġu l-

Avviż għal Ftehim skond il-Liġi biex ir-rikorrenti jekk jidhirlu jkun jista' jitħallas ta' dak illi huwa dovut lilu.

12. Illi minn informazzjoni f'idejn l-attur rikorrent, il-valur ġie stabbilit mill-intimati u għal xi raġuni jew oħra huma ma' jridux jottempraw ruħhom ma' l-obbligi kif naxxenti mill-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta u jippublikaw fil-Gażżetta tal-Gvern, id-dikjarazzjoni Presidenzjali ta' esproprju, kif ukoll jaslu għal Avviż għal ftehim u konsegwentement iħallsu dak li hu dovut lir-rikorrenti.

13. Illi l-attur rikorrenti, ġie nfurmat bil-valur minn Valerio Schembri Project Workshop Limited, liema valur wara l-verifika mill-Periti Governattivi, jista' jwassal lill-intimati biex joħorġu l-Avviż ghal Ftehim u minn din l-informazzjoni illi huwa għandu, huwa jista' jkun lest li jaċċetta tali stima.

14. Illi minkejja dan, l-intimati, ma jridux joħorġu u jottempraw ruħhom mal-proċeduri kif stabbiliti fil-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta, tant li dan ir-rifjut tagħhom li jottempraw ruħhom mal-Liġi jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-Artikolu 1 ta' l-ewwel Protocol illi hemm mal-Konvenzjoni Ewropeja għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali.

15. Illi żmien ta' aktar minn għoxrin sena biex l-intimati joħorġu d-dikjarazzjoni presidenzjali, kif ukoll l-Avviż fil-Gażżetta tal-Gvern u biex jaslu għal Avviż għal Ftehim, huwa żmien irraġonevoli li jilledi d-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti għat-tgawdija ta' ħwejġu u tal-kumpens lilu dovut fi żmien xieraq sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens skond l-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja, u ċioe' l-Artikolu 1 tal-ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

16. Illi b'ittra uffiċjali tad-29 ta' Awwissu, 2007 hawn annessa u mmarkata Dok. AB4, ir-rikorrenti talbu lill-intimati biex jibdew u jikkompletaw il-proċediment ta' l-

esproprju skond il-Liġi u biex iħallsuh il-kumpens dovut lilu a tenur tal-Kap.88 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Illi minkejja dan l-intimati baqgħu inadempjenti u sal-ġurnata tal-lum, la ħarġet id-dikjarazzjoni Presidenzjali ta' esproprju tal-art fuq imsemmija, la ma ġiet ippublikata fil-Gażżetta tal-Gvern u lanqas ma nħareġ l-Avviż għal Ftehim a bażi tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant jgħidu l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi din l-art ġiet meħtieġa għal skopijiet pubbliċi u fl-interess pubbliku tant illi l-art ta' ċirka mitejn u ħamsa u sebgħin metri punt ħmistax metru kwadru li tikkonfina ma' Triq Michael Angelo Cagiano, Triq Claire E. Engel u Triq is-Sebuka, San Gwann, ġiet meħuda mill-intimati għal skopijiet fuq imsemmija u dan kif jirriżulta minn survey magħmul minn Randolph Camilleri Surveys Limited li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument AB2 ġiet meħtieġa u wżata għal skopijiet pubbliċi u ilha hekk użata għal ħafna snin.

2. Tordna li l-intimati biex fi żmien qasir u perentorju jagħmlu u jeżegwixxu l-proċeduri kollha neċessarji skond il-Liġi biex tinħareġ id-dikjarazzjoni presidenzjali, isir l-avviż fil-Gażżetta tal-Gvern u jersqu għal Avviż għal Ftehim skond l-istess Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta u dan a tenur tal-Liġi.

3. Fin-nuqqas, tiddikjara lill-intimati responsabbli biex iħallsu l-kumpens dovut lir-rikorrent għat-tehid u użu ta' l-art għal skopijiet pubbliċi, f'liema kumpens m'għandux ikun anqas minn dak li diġa ġie stmat u valutat mill-istess Valerio Schembri Projects Workshop Limited u / jew somma oħra verjuri.

4. Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti skond il-Liġi għat-tehid u użu tal-art kif fuq deskritt, liema kumpens m'għandux ikun anqas minn dak li ġie stmat u

valutat mill-istess Valerio Schembri Projects Workshop Limited u / jew somma oħra verjuri.

5. Tikkundanna lill-intimati biex iħallsu dak il-kumpens dovut lir-rikorrenti skond il-Liġi u hekk likwidat minn din il-Qorti.

6. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żmien ta' *oltre* għoxrin sena biex l-intimati jottempraw ruħhom mal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti l-esproprju tal-art ta' *circa* mitejn u ħamsa u sebgħin metri punt ħmistax metru kwadru li tikkonfina ma' Triq Michael Angelo Cagiano, Triq Claire E. Engel u Triq is-Sebuka, San Gwann, hawn fuq riferita, huwa żmien irraġonevoli u mhux fi żmien xieraq sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens u jilledi d-drittijiet Kostituzzjonali kif sanċiti fl-Artikoli 37 u 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja, u ċjoe' l-Artikolu 1 tal-ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

7. Tikkundanna lill-intimati u tagħmel dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqies xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettieq ta' kull waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għal protezzjoni tad-dritt minn privazzjoni ta' proprjeta' bla kumpens, inkluż biex iħallsu kumpens xieraq u adegwat fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-Qorti u dan *stante* illi dan id-dewmien fl-esekuzzjoni tal-obbligi tal-intimati a tenur tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta jilledu d-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikoli 37 u 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja, u ċjoe' l-Artikolu 1 ta' l-ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Awwissu, 2007, u bl-inġunzjoni tal-konvenuti intimati għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, tal-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, tal-

Kummissarju tal-Artijiet u tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-17 ta' April 2008, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament u mingħajr ebda preġudizzju, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura m'humiex il-leġittimi kontradditturi għall-azzjoni ta' din in-natura *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju wkoll qed tiġi eċċepita l-ammissibbilta' tat-talba tar-rikorrenti fil-konfront tad-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u l-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, u dan a tenur tal-Artikolu 460 tal-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili *stante* li l-esponenti msemmija ma rċevew ebda interpellazzjoni ġudizzjarja rikjesta mil-liġi qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni;

3. Illi wkoll *in via* preliminari din il-Qorti hija inkompetenti *ratione materiae stante* li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-mansjoni skond il-liġi biex tisma' kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali, bħalma qed jippretendi li tagħmel ir-rikorrenti;

4. Illi preliminarjament ukoll, rigward it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikors qed jiġi rilevat li dawn it-talbiet huma bbażati fuq talba lil din il-Qorti biex tistabbilixxi kumpens għat-teħid u użu tal-art in kwistjoni u li minħabba f'hekk jeżorbitaw mill-ġurisdizzjoni u mill-kompetenza ta' din il-Qorti peress li l-kompetenza dwar l-iffissar ta' kumpens għall-akkwist ta' artijiet għal skopijiet pubbliċi tirrisjedi esklussivament fil-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet li huwa l-Bord imwaqqaf *ai termini* tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi;

5. Illi preliminarjament ukoll, rigward it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikors ġurament, in kwantu huma talbiet għal kumpens għat-teħid u l-użu tal-art, qed tiġi preżentement eċċepita l-preskrizzjoni biennali u dan *ai*

*termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivli, il-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi *in oltre* u *in via* wkoll preliminari u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi għandhom iġibu prova tat-titolu tagħhom fuq l-art in kwistjoni;

7. Illi bla preġudizzju għall-premess u fil-mertu, l-esponenti qegħdin preżentement jirrespinġu t-talbiet tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi terzi persuni li għandhom proprjeta' b'faċċata fuq it-triq kellhom l-obbligu li jiffurmaw u jillevellaw it-triq u dan *ai termini* tal-Artikolu 20 (8) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi wkoll subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, in kwantu għat-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tar-rikors ġuramentat il-konvenut il-Kummissarju tal-Artijiet mhux il-persuna skond il-liġi li huwa responsabbli għal xi ħlasijiet ta' kumpens peress li huwa qatt ma okkupa din l-art jew awtorizza lil xi ħadd biex jokkupaha u jagħmel ix-xogħlijiet fuqha;

9. Illi subordinament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenuti qegħdin jopponu għall-istima sottomessa mill-atturi peress illi din hija stima esaġerata u jissottomettu li f'każ ta' art dikjarata meħtieġa għal skop pubbliku u l-akkwist tagħha jkun bix-xiri assolut, l-istima ssir skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi;

10. Illi subordinament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti għal dak li jirrigwarda avviż għal ftehim għandhom jiġu miċħuda *stante* li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa' t-talba kif edotta mir-rikorrenti f'dan ir-rigward peress li l-proċedura tal-ħruġ tal-avviż għal ftehim m'hijiex proċedura li għadha tista' tiġi adottata skond il-liġi;

11. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, fir-rigward tal-premessa numru 12 tar-rikors odjern li għalih qiegħda ssir din ir-risposta, il-

konvenuti jiċħdu bl-akbar qawwa li huma qatt stabbilew xi valur fuq l-art in kwistjoni;

12. Illi għandu jiġi ribadit illi l-*area* tal-art li qed jagħmel riferenza għaliha r-rikorrenti, m'hijiex korretta kif deskritta fir-rikors *stante* li terzi diġa bnew r-residenzi tagħhom fuq artijiet adjaċenti għal din it-triq, u dan ma setgħu qatt għamluh mingħajr il-permess tar-rikorrenti u jekk semmai l-istess rikorrenti jħoss li għandu dritt għal xi kumpens, l-istess rikorrenti m'għandux jinterpella lill-intimati għall-kumpens iżda lil xi persuna oħra;

13. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, kwantu għall-fatt li parti minn dik l-art hija allegatament okkupata abbużivament minn terza persuna, li *ex admissis* ir-rikorrenti identifikawh bħala Noel Xuereb, l-esponenti umilment jissottometti li din hija r-raġuni suffiċjenti sabiex jiġi kkjamat bħala parti minn dawn il-proċeduri l-istess Noel Xuereb, u għaldaqstant huwa qed jagħmel talba lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jiġi kkjamat in kawża l-istess Noel Xuereb;

14. Subordinatament u mingħajr għall-premess illi t-talbiet kollha tal-atturi dwar allegat ksur kemm tal-liġi ordinarja kif ukoll tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 37 u 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja huma nfondati u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti, Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, tal-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, tal-Kummissarju tal-Artijiet u tal-Avukat Ġenerali u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta ppreżentata fis-17 ta' April 2008, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi preliminarjament l-Awtorita' konvenuta m'għandha l-ebda responsabbilta' rigward l-art illi allegatament ittieħdet *"b'mod abbużiv u llegali"* minn Noel Xuereb u għaldaqstant l-imsemmi Noel Xuereb għandu jiġi kjamat fil-kawża.

2. Illi mingħajr preġudizzju, l-Awtorita' konvenuta qiegħda tiċħad it-talbiet attriċi *stante* illi dawn huma infondati sia fid-dritt kif ukoll fil-fatt.

3. Illi mingħajr preġudizzju, l-Awtorita' konvenuta tiċħad l-ewwel u t-tieni talba attriċi bl-ispejjeż, *stante* illi *ai termini* tal-Artikolu 20(5) tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta l-ebda bini ma jista' jinbena qabel ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta qabel it-triq tiġi invellata sew (sic).

4. Illi *di piu, ai termini* tal-Artikolu 20(8) tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sidien ta' fondi illi jibnu l-faċċata tal-proprjeta' tagħhom għandhom l-obbligu li jwittu u jiksu t-triq b'mod li tkun tajba għas-sewqan tal-ilma mill-persuna li tkun fetħet dik it-triq, skond l-ordnijiet tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta. Illi l-istess persuna għandha tagħmel l-imsemmija triq bil-bankini.

5. Illi l-obbligu tal-persuna li tibni u tiftaħ it-triq jestendi wkoll għall-manutenzjoni tal-istess triq *ai termini* tal-Artikolu 20(9) (i) tal-Kap 10.

6. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda *stante* illi *ai termini* tal-Artikolu 20(9)(ii), is-sidien ta' proprjeta' li tmiss direttament mat-triq li ma tkunx proprjeta' tal-Gvern huma meqjusa bħala n-nies li fetħu t-triq u s-sidien tat-triq.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet u r-raba' talba għandha tiġi miċħuda *stante* illi kwalunkwe kumpens m'għandux ikun ibbażat fuq stima li ħadem l-attur iżda *ai termini* tal-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Salv eċċezzjonijiet oħra

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2009 illi permezz tagħha l-Qorti laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimati u lliberat lid-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u l-Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura u l-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju u ordnat li l-kawża titkompla fir-rigward tal-intimati l-oħra;

Semgħet il-provi u rat l-affidavits;

Illi l-Qorti anke żammet aċċess fuq l-ambjenti in kwistjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li ġiet trattata;

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tiddikjara illi l-intimati okkupaw proprjeta' tagħhom mingħajr ma saret il-proċedura tal-esproprijazzjoni skond il-Kap 88. Wara s-sentenza msemmija tal-11 ta' Marzu 2009, il-konvenuti rimanenti kienu l-Awtorita' dwar it-Trasport u l-Kummissarju tal-Artijiet.

Illi fil-fehma tal-Qorti, din il-kawża hija frott ta' ħafna nuqqas ta' ftehim (*misunderstandings*) bejn il-partijiet, kif ukoll minħabba nuqqas ta' informazzjoni fir-rigward tal-atturi. Dawn ma ġewx gwidati tajjeb u sa issa ma fehmux x'ġara u kif parti mill-proprjeta' li kienet tagħhom jew l-awturi tagħhom m'għadhiex disponibbli għalihom. Fuq min kien obbligat ifehmhom u jmexxihom il-Qorti ma hiex tenuta tiddeċiedi, ħlief forsi meta tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż tal-kawża.

Illi li ġara kien li kif spjega x-xhud Peter Mamo, uffiċjal fid-Dipartiment tal-Artijiet fid-depożizzjoni tiegħu a fol. 111 *et*

*sequitur*, fl-1987 kienet saret talba mid-Dipartiment biex l-art in kwistjoni tiġi esproprjeta', iżda ftit wara sar żvilupp sostanzjali fl-istess akkwati (ħaġa li l-Qorti setgħet tikkonstataha waqt l-aċċess), bir-riżultat illi ma kienx għad baqa' bżonn li l-art tiġi esproprjata. Dan għaliex, in vista tal-iżvilupp privat li sar, daħlu fis-seħħ bejn il-proprjetarji varji, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Dan l-Artikolu llum ġie revokat u rimpjazzat b'ieħor simili, u ċjoe' l-Artikolu 16 sa 18 tal-Avviż Legali 29 tal-2010 li jobbliga lill-persuna li tibni fi triq privata biex tillivella t-triq u tagħmel il-bżonnijiet relattivi. Għalhekk is-sidien li bnew proprjetajiet tagħhom f'dawk l-ambjenti naturalment għamlu dak impost minnhom bil-liġi. Infatti mill-uniku xhud prodott mill-Awtorita' dwar it-trasport irriżulta li kulma għamlet din l-awtorita' fil-lok in kwistjoni kien xogħol ta' *'resurfacing'*. Kwindi ħadd mill-konvenuti ma **okkupa** art tal-atturi. Għalhekk it-talbiet tagħhom huma manifestament infondati. Jidher ukoll mill-atti li l-atturi għandhom proċeduri pendenti kontra Noel Xuereb li huwa msemmi fir-rikors promotur. Naturalment kull pretensjoni fir-rigward ta' din il-persuna da parti tal-atturi hija assolutament impreġudikata b'din il-kawża. Kif *del resto* huwa mpreġudikat kull dritt ta' rivalsa li jista' jkollhom fil-konfront tal-proprjetarji l-oħra skond il-ligi.
Illi kwantu għall-aħħar talba tal-atturi, sewwa eċċepew il-konvenuti li din il-Qorti ma hijiex qed taġixxi fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha, u jekk l-atturi għandhom xi lanjanza f'dan l-aspett għandhom appuntu jipproċedu quddiem din il-Qorti f'dik il-kompetenza u mhux jibdew proċeduri normali ta' natura ċivili, u proprju fl-aħħarnett tal-att promotur – kif jingħad bl-ingliz *'as an afterthought'* u jdaħħlu talba f'dan is-sens.

Illi fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż il-Qorti tħoss li l-atturi ġew sgwidati anke minn awtoritajiet governattivi (mhux neċessarjament il-konvenuti f'din il-kawża) u għalhekk se tordna li l-ispejjeż ikunu bla taxxa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fuq il-mertu tal-kawża, u tiċħad it-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż kif ġja' msemmi jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------